MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 191/2014

Il-Pulizja

Spettur Roderick Agius

Vs

Doreen Portelli

Illum 4 ta' Dicembru, 2014,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Doreen Portelli, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 169281M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-13 ta' Awwissu, 2013 ghall-habta tas-18:35hrs u fil-gimghat ta' qabel gewwa dawn il-gzejjer:

1) Ghamlet uzu hazin minn apparat ta' Telekomunikazzjoni cioe' mobile phone provdut lilha minn impriza mhux ghal ghan li gie pprovdut ghalih.

2) U aktar talli tat fastidju lil Lilian Schembri.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fil-25 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 48(1)(d) u 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 251A u 251C tal-Kodici Kriminali filwaqt li ma ssibx lill-imputata hatja tal-ewwel imputazjzoni u tilliberaha minnha, sabet lil Doreen Portelli, hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannha ghal-piena ta' xahrejn priguneija li wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li din ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn Doreen Portelli tikkometti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-sahha tal-artikolu 28B tal-Kodici Kriminali li s-sentenza originali ghandha tibda ssehh u apparti dan tikkundannha wkoll ghal multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2500).

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali il-Qorti spjegat lill-hatja bil-kliem car ir-responsabbilita' taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.
Inoltre, minbarra dan wara li rat l-artikoli 412C u 382A tal-Kodici Kriminali tordna li jinhareg ordni ta' protezzjoni u trazzin kontra Doreen Portelli skond it-termini msmmija fid-digrieti li qed jigu annessi ma' din is-sentenza, liema ordni qeghda ssir ghal-perjodu ta' sentejn. Ghal kull buon fini l-Qorti fissret lil hatja bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi li hija jkollha taffaccja fil-kaz li ma tottemperax ruhha mal-kunidssjonijiet imposti fuqha bl-ordnijiet hawn fuq imsemmija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Doreen Portelli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti, tvarja s-sentenza appellata fis-sens illi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellanti gie liberata mill-ewwel akkuza:

i) Thassarha, tirrevokaha u tikkancellaha fejn din sabet lill-appellanti hatja tat-tieni akkuza u konsegwentement tilliberaha minn kull imputazzjoni jew htija, jew,
ii) Alternattivament jekk din il-Qorti ma thossx li ghandha tilliberah mill-htija taht it-tieni akkuza, thassar, tirrevoka u tikkancella dik il-parti tas-sentenza li tirrigwarda l-piena u konsegwentement timponi piena aktar mita fic-crikostanzi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi. L-ewwel Qorti accettat il-fatt kif spjegati mill-parti civile. Dan jirrizulta mis-segwenti bran fis-sentenza:

> *"Gie ppruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-imputata fil-fatt ghamlet diversi telefonati inkriminanti lil Lilian Schembri kif ukoll li permezz ta' tali telefonati fi zmien relattivament qasir, Schembri giet imdejqa u mhux biss. Gie pruvat ukoll lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Schembri kienet giet mahkuma minn stat ta' ansjeta li beda jahkem ukoll lil uliedha li dehru wkoll imbezza' u "imwerwrin" hekk kif idoqq il-mobile phone ta' Schembri"*.

Illi pero' hemm zewg kunsiderazzjonijiet illi bid-dovut rispett l-ewwel Qorti naqset li tikkonsidra.

Fl-ewwel lok l-ewwel Qorti accettat bhala fatt kompjut illi Schembri, l-parti leza, "*giet mahkuma minn stat ta' ansjeta li beda jahkem ukoll lil uliedha*" meta ma saret l-ebda prova medika f'dan is-sens.

It-tieni konsiderazzjoni hi, illi rrizulta ampjament illi x-xhieda moghtija mill-*parte civile* ma kienet kredibbli xejn u fil-fatt dan fuq bazi ta' kunflitt manifest. Fil-fatt il-*parte civile* filwaqt illi xehdet illi l-appellanti kienet iccemplilha diversi drabi u tghajjarha u tinsulentha, meta intavolat ir-rapport taghha lil Pulizija tat verzjoni ohra, u cioe' lil l-appellanti kienet iccemplilha u ma tkellimiex. Filfatt jekk wiehed jezamina l-affidavit ta' PS 1585 James Weatherill dan xehed hekk:

> "... Lilian Schembri fejn stqarret li hija qed tircievi telefonati anonimi."

L-affidavit ikompli hekk:

> ".. u kompliet li x'hin tirrispondi min ikun cempel wara ftit sekondi jaqta."

Illi dan mhux biss igiddeb totalment ix-xhieda li taw Lilian Schembri u ohrha *viva voce* quddiem il-Qorti pero' jikkorrobora dak li xehdet l-appellanti.

Jidher illi l-Ewwel Qorti, skartat dan il-fatt kompletament. Skartat il-fatt illi l-verzjoni moghitja minn persuna *a tempo vergine* hija dejjem l-aktar wahda kredibbli, stante illi tinghata lil Pulizija ezatt wara l-akkadut.

Inoltre, tajjeb illi wiehed jinnota illi x-xhieda tal-parti civili u ohtha ma ssib konfort f'ebda prova ohra.

Illi bir-rispett kollu, cetament illi l-prosekuzzjoni ma resqitx l-aqwa prova, kif inhi tanuta ai termini tal-ligi; u cioe s-service providers tal-mobile, li tramite x-xhieda taghhom, setghu almentu jitfghu dawl fuq id-durata u l-frekwenza tat-telefonati, li l-parti civili kienet tircievi. Dan qed jinghad peress illi jekk kien minnu illi l-appellanti kienet iccempel u taqta, allura d-durata tat-telefonata kienet tkun ta' ftit sekondi biss, filwaqt illi jekk l-appellanti kienet iccempel u tajjar lil parti civili, t-telefonata kienet se ddum izjed.

Illi allura jirrizulta, illi hemm kunflitt ta' provi u ghalhekk hemm dubju, li dubju certament jimmilita favur l-appellanti.

Illi kwindi una volta li jirrizulta kjarament illi fil-mument meta sar ir-rapport minn Lilian Schembri dan sar fuq telefonati anonimi hija dik il-verzjoni li ghandha titwemmen mhux dak li xehdet fuq il-pedana tax-xhieda wara li kellha okkazjoni tahseb sew kif jaqblilha tixhed.

Illi in vist ta' dan l-ewwel Qorti kellha tqis il-kumplament tax-xhieda ta' Lilian Schembri b'kawtela kbira qabel ma tasal biex temmen li dawn it-telefonati ikkawzawlha ansjeta.

Illi unav volta li rrizulta ghalhekk li ghall-massimu saru tlieta jew erba' telefonati anonimi ma jirrizultax dak rikjest mil-ligi biex ikun sehh ir-reat ta' fastidju u cioe' ma hemmx ir-rekwizit ta' *course of conduct*, kif titlob il-ligi. L-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza "Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The Times" u qalet illi

> ".. the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable"

Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza "Pratt vs DPP" 165 J.P. 800 DC fejn intqal:

> ".. the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others;"

Illi jista' jinghad illi tlieta jew erba' telefonati anonimi huma bizzedjjed biex jikkawzaw "alarm or distress and which was oppressive and unreasonable"? L-appellanti umilment umilment tissottometti li l-agir taghha ma jissubentrax taht il-parametri ta' fastidju kif hawn definit.

It-Tieni Aggravju

Illi, minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, l-appellant umilment tissottometti illi anke jekk l-ewwel Qorti gustament dehrilha li kellha tirrizulta t-tieni akkuza l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi jirrizulta mill-gurisprudenza illi r-reat ta' "fastidju" mhuwiex ben definit til-ligi u allura ikopri numru kbir ta' cirkostanzi. Huwa minhabba f'hekk illi l-artikolu 251A tal-Kap. 9 jikkontempla parametri wiesgha ghal dak li jirrigwarda l-piena. Fic-cirkostanzi, tenut kont li ghall-massimu, hawn si tratt biss ta' tlieta jew erba' telefonati anonimi l-Ewwel Qorti kellha tapplika piena fil-minimu taghha. Attwalment l-ewwel Qorti applikat piena ta' prigunerija (ghalkemm sospiza) li tigi fin-nofs tal-parametri ta' tali piena flimkien ma ftit aktar mill-minimu tal-multa, u dan meta l-ligi anke tikkontempla l-ghotja tta' multa bhala alternattiva ghal dik ta' prigunerija.

Illi inoltre, l-piena hija wahda eccessiva, anke meta wiehed jikkonsidra illi l-appellanti ghandha fedina penali netta, u filfatt ma gietx akkuzata bl-addebitu tar-recidiva. F'dan ir-rigward jinghad illi anke min hu recidiv, jinghata diversi opportunitajiet, sabiex jigi evitat illi jinghata piena karcerarja, ahseb u ara lil persuna

li ghandha fedina penali netta. Wiehed ma jistax ukoll jiskarta l-fatt, illi l-prassi tal-Qrati taghna fil-konfront ta' reati simili hi li timponi xi obbligazzjoni in atti, jew l-aktar xi garanzija jew ordni ta' protezzjoni.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fit-tlettax (13) ta' Awwissu tal-elfejn u tlettax (2013) ghal habta tas-sitta u nofs u hamsa ta' filghaxija (18:35 hrs) u fil-gimghat ta' qabel l-appellanta Doreen Portelli kienet iccempel lil Liliana Schembri minn fuq numru privat u fil-kors ta' dawn it-telefonati jew ma tkellimha xejn jew inkella tghajjarha u taqta'. Mal-ewwel Schembri kellha suspett illi kienet l-appellanta Doreen Portelli u ghamlet rapport lill-pulizija. Schembri infurmat lill-Qorti illi ukoll kellha kaz iehor mal-appellanta rigward telefonati fuq il-land line u kellha garanzija biex ma tkellimhiex. L-appellanta min-naha l-ohra qalet illi hija toqghod fi blokk ta' flats illi jiehu hsieb ir-ragel ta' Doreen. Dan ried ikollu relazzjoni intima maghha u hi ma riditx u qallha illi kien lest jitlaq lill-mara. Veru illi hi cemplet xi tlieta jew erba' darbiet fuq medda ta' tlett xhur lill-parti leza però qatt ma kellha l-kuragg tkellimha u ghalhekk kienet taqta'. Innegat illi kienet tkellimha hazin. Ikkonfermat illi cemplet fuq private number biex il-parti civili ma tindunax b'dak in-numru u taghmillha xenati.

L-appellanta tressqet il-Qorti biex twiegeb ghall-akkuzi kif jidhru fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'sentenza tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 17) il-Qorti tal-Magistrati b'sentenza studjata sabet lill-appellanta hatja tat-tieni imputazzjoni u ikkundannatha ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn kif ukoll ghal multa ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500). L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi deherilha illi sar apprezzament hazin tal-provi u di più l-piena kienet wisq eccessiva u gravuza fil-konfront taghha.

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellanta jirreferi ghall-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti li ghazlet illi temmen il-verzjoni tal-parti leza Lilian Schembri u mhux dik tal-appellanta. Veru illi l-agir tal-appellanta ma kienx korrett u ma setghetx iccempel u taqta' però ma rrizultax illi kellmet lil Liliana Schembri hazin. Illi iccempel u taqta' mhuwiex "harassment" fis-sens tal-ligi; irid ikun hemm "alarm and distress" fuq il-persuna li tkun qed tircievi t-telefonata, haga illi ma irrizultax fuq il-persuna ta' Liliana Schembri.

Ikkunsidrat:

Jinghad mill-bidunett illi l-Qorti tal-Magistrati hadet il-birga illi taghmel sentenza studjata u dettaljata biex tiggustifika l-argumenti taghha, sentenza illi mhux normali li ssibha f'seduta ta' distrett. Madankollu l-ewwel Qorti deherilha illi kellha tidhol

fil-fond fl-aspetti akkademici tal-ligi ukoll biex tiggustifika l-konkluzjoni taghha. Minn dan l-aspett din il-Qorti ma ssib xejn x'ticcensura u lanqas ma jidher illi sabet l-appellanta. Qalet biss illi kien hemm konflitt fil-provi, liema konflitt kellu jmur favur l-appellanta u kwindi kellha tigi illiberata. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument peress li mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Fil-kawza "Il-Pulizija versus Joseph Thorn" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003 il-Qorti qalet, "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmenu jew ma temmnux." L-ewwel Qorti ghamlet dan l-ezercizzju u waslet ghall-konkluzjoni illi kellha temmen lill-parti civili Liliana Schembri u mhux lill-appellanta.

L-appellanta ukoll ilmentat illi ma saritx l-aqwa prova billi s-service providers ma telghux jixhdu sabiex jikkonfermaw dawn it-telefonati u minn fejn u lil min saru.

Ikkunsidrat:

Veru illi dawn is-service providers ma telghux jixhdu però b'daqshekk ma jfissirx illi l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni huma kompromessi. Veru l-ligi tghidlek ghandha tingieb l-ahjar prova u tkun kompluta minn kollox u ma jithalla xejn barra li jkun materjali u importanti ghall-kaz. Però l-ligi tghidlek ukoll illi dan ghandu jkun "bhala regola." U filwaqt illi dana huwa dejjem desiderabbli, ma jfissirx illi jekk il-Prosekuzzjoni thalli barra xi prova illi ma jidhrilhiex illi tkun necessarja, it-tezi taghha tkun kompromessa b'din in-nuqqas ta' prova. Billi ma telghux is-service providers ma jfissirx illi l-kaz ma giex ippruvat peress illi l-Prosekuzzjoni kellha u ghandha mezzi ohra sabiex tasal ghall-htija tal-appellanta, kif fil-fatt l-ewwel Qorti waslet u iddecidiet illi kellha. Ghalhekk kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti illi ghamel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti illi tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika wahda possibbli (ara Il-Pulizija versus Brian Caruana, 23 ta' Mejju 2002).

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni dwar il-htija tal-appellanta u ghalhekk mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dak li jirrigwarda l-piena, il-principju regolatur hu li mhux normali illi l-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun anqas minn dak illi fil-fatt tkun

erogat. Irrizulta illi l-piena inflitta qieghda fil-parametri tal-ligi u allura hawn ukoll mhux il-kaz illi din tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta′ u tiddeciedi illi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------